

li jirrigwardaw il-bidu u t-twettiq tan-negozju tal-assigurazzjoni diretta barra mill-assigurazzjoni tal-ħajja, kif emendata bid-Direttiva 2005/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Novembru 2005, kif ukoll l-Artikoli 22 u 23 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/49/KEE, tat-18 ta' Ġunju 1992, dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li għandhom x'jaqsmu ma assigurazzjoni diretta barra minn assigurazzjoni tal-ħajja u temenda d-Direttivi 73/239/KEE u 88/357/KEE (It-Tielet Direttiva dwar assigurazzjoni mhux tal-ħajja), kif emendata bid-Direttiva 2005/68, l-Irlanda naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt dawn id-direttivi.

- 2) L-Irlanda hija kkundannata għall-ispejjeż.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tad-29 ta' Settembru 2011 —
Il-Kummissjoni vs L-Awstrija**

(Kawża C-387/10)

“Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Libertà li jiġu pprovduti servizzi — Leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tikkonċerna l-fondi ta' investiment u l-fondi ta' investiment immobiljari — Prova tad-dħul ikkunsidrat bħala mqassam — Prova prodotta permezz ta' rappreżtant fiskali — Stabbilimenti ta' kreditu u fiduċjarji ekonomiċi ‘nazzjonali’ li għandhom il-kwalità ta' rappreżtant fiskali”

Libertà li jiġu pprovduti servizzi — Restrizzjonijiet — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tillimita r-rappreżtantazzjoni fiskali ta' fondi tal-investiment u ta' fondi immobiljari għall-istabbilimenti ta' kreditu nazzjonali u għall-fiduċjarji ekonomiċi nazzjonali — Inammissibbiltà — Ġustifikazzjoni fuq il-bażi tal-interess ġenerali — Assenza (Artikolu 49 KE; Ftehim ŻEE, Artikolu 36) (ara l-punti 25, 31-34 u d-dispożittiv)

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ksur tal-Artikolu 49 KE u tal-Artikolu 36 tal-Ftehim, tat-2 ta' Mejju 1992, dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitulu 11, Vol. 52, p. 3) — Leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tillimita r-rappreżentazzjoni fiskali ta' fondi tal-investiment u ta' fondi immobbiljari għat-trustees u l-istabbilimenti ta' kreditu stabbiliti f'dan l-Istat.

Dispożittiv

- 1) Billi adottat u żammet fis-seħħ dispożizzjonijiet li permezz tagħhom l-istabbilimenti ta' kreditu nazzjonali u l-fiduċjarji ekonomiċi nazzjonali biss jistgħu jkunu maħtura bħala rappreżentanti fiskali ta' fondi ta' investiment jew fondi ta' investiment immobbiljari, ir-Repubblika tal-Awstrija naqset mill-obbligi tagħha skont l-Artikolu 49 KE u l-Artikolu 36 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, tat-2 ta' Mejju 1992.
- 2) Ir-Repubblika tal-Awstrija hija kkundannata għall-ispejjeż.

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tat-30 ta' Settembru 2011 —
Quinta do Portal vs UASI**

(Kawża C-541/10 P)

“Appell — Trade mark Komunitarja — Regolament (KE) Nru 207/2009 — Artikolu 8(1)(b) — Trade mark Komunitarja verbali PORTO ALEGRE — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti VISTA ALEGRE — Raġuni relattiva għal rifut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark”